**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-KUMMERĊ)**
**GĦAWDEX**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 7 ta' Mejju 2025**

**Rikors Numru:- 3/2024**

**John Bezzina (KI 10556G)**

**vs**

**Reġistratur tal-Kumpaniji**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors datat 4 ta' Settembru 2024 fejn ir-rikorrent John Bezzina premetta u talab kif isegwi:

1. 'llli r-rikorrenti John Bezzina kien l-uniku azzjonist fis-socjeta 'John Bezzina Catering Company Limited' (C.17154);

2. Illi din is-socjeta giet imhassra minn fuq ir-Registru tal-Kumpaniji mizmum mal-intimata bis-sahha ta' avviz datat is-16 ta' Awwissu 2023;

3. llli r-rikorrenti ghamel is-snin jghix fl-esteru u gie lura f'Malta biss ftit tal gimghat ilu;

4. Illi ghalkemm huwa kien ha hsieb illi jhalli persuna ta' fiducja tieghu bil ghan illi din tkun tista' tiehu hsieb hwejgu sakemm huwa dam is-safar, din jidher illi manifestament naqset milli taghmel dan;

5. llli in fatti huwa ma kellu l-ebda konjizzjoni tal-avvizi illi hargu fil-gurnali lokali u anke fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Art. 325(1) tal-Kap. 386, u da parti tieghu kien qed jigi assigurat minn zmien ghal zmien illi d-dokumenti riferibbli ghas-socjeta in kwestjoni kienu kollha *up to date* kif ukoll illi ma kien hemm l-ebda diffikulta jew problema kwalsiasi;

6. llli in segwitu ghall-avvizi fuq imsemmija, is-socjeta in kwestjoni giet effettivament stralcjata. lr-rikorrenti sar jaf b'dan kollu biss b'kuncidenza wara Ii huwa akkwista ricerka fuqu personalment u fuq din is-socjeta' in partikolari;

7. Illi r-rikorrenti ghandu kull interess illi din il-kumpanija titqieghed lura fuq ir-Registru tal-Kumpaniji fit-termini tal-Art. 325(4) tal-Kap. 386 u dana mhux biss ghaliex din tnehhiet minn tali registru minghajr ebda tort imputabbli lilu, izda wkoll ghaliex

din il-kumpanija ghandha proprjeta immobbli registrata fuqha. Oltre minn hekk, din il-kumpanija hija wkoll involuta f'litigazzjoni ma' terza persuna - haga ohra illi r-rikorrenti ghadu kif sar jaf dwarha u li kienet inzammet mistura minnu;

8. Illi l-esponenti jaf b'dawn il-fatti personalment;

**Ghaldaqstant u ai termini tal-Artikolu 325(4) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-rikorrenti jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħgobha:**

1) Tordna illi s-socjetà John Bezzina Catering Company Limited terġa' tidħol u titqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji (C.17154),

U dana taħt dawk il-proveddimenti kollha illi din l-istess Qorti jista' jidrilha xierqa u opportuni skont il-każ.'

**Rat ir-risposta tar-Registratur tal-Kumpaniji, li taqra kif isegwi:**

'Illi l-kumpanija 'John Bezzina Catering Company Limited' (C 17154) kienet ġiet reġistrata fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji ("Reġistru") fil-5 ta' Dicembru 1994;

Illi fiż-żmien li damet fuq ir-Reġistru, il-kumpanija naqset mill-obbligi tagħha illi tibgħat kontijiet u prospetti annwali lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni ai termini tal-Att dwar il-Kumpaniji. Tant hu hekk, illi l-aħħar prospett annwali sottomess kien dak relatat mas-sena 2017 filwaqt illi l-aħħar kont annwali li kien ġie sottomess kien dak relatat mas-sena 2015;

Illi tali nuqqas kien raġuni biżżejjed sabiex l-esponenti Reġistratur tissoponi illi l-kumpanija in kwistjoni ma kienetx qed topera jew tmexxi negozju ai termini tal-Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji;

Illi in vista tas-suespost, ir-Reġistratur proċediet sabiex kitbet lill-kumpanija u lill-uffiċjal tagħha sabiex tavża illi l-isem tal-kumpanija kien ser jiġi mħassar minn fuq ir-Reġistru kemm -il darba ma tintweriex raġuni sabiex dan ma jseħħx;

Illi r-Reġistratur bagħtet l-ewwel avviż permezz ta' ittra lill-kumpanija u lid-direttur tal- kumpanija, is-Sinjur John Bezzina (annessi u mmarkati bħala Dok. 'A', l-ittri u l- pubblikazzjonijiet kollha maħruġa mir-Reġistratur), fuq l-indirizz 198, Triq Papa Gwanni Pawlu II, Victoria (Gozo), Malta datati l-5 t'April 2023. Rigward dak li qed jistqarr ir-rikorrent fir-rikors promotur, illi huwa għamel snin jgħix fl-esteru u ġie lura f'Malta ftit tal-ġimgħat ilu, ir-Reġistratur tirrileva illi ma jidhirx li qatt ġiet sottomessa mar-Reġistratur notifika ta' tibdil tar-residenza personali tad-direttur. Huwa d-dmir ewlieni ta' kull direttur li jiżgura li l-informazzjoni marbuta mal-kumpanija kif ukoll id-dettalji personali tiegħu, bħall-indirizz ta' residenza, ikunu dejjem aġġornati mar-Reġistru tal-Kumpaniji;

Illi r-rikorrent stqarr illi kien ħa ħsieb illi jħalli persuna ta' fiduċja tiegħu bil-għan illi din tkun tista' tieħu ħsieb ħwejġu waqt illi huwa kien imsiefer u li manifestament naqset milli tagħmel dan. F'dan ir-rigward, ir-Reġistratur tirrileva illi minkejja li jistgħu jkunu ġew ingaġġati terzi persuni biex jieħdu ħsieb ċerti aspetti tan-negozju, xorta waħda d-direttur jibqa' personalment responsabbli għal kull obbligu legali u amministrattiv vis-à-vis il-kumpanija, inkluż li jiżgura li l-informazzjoni marbuta miegħu stess, u r-*rekords* tal-kumpanija, ikunu aġġornati;

Ta' min isemmi wkoll illi r-Reġistratur irċeviet notifika mingħand l-awditur tal-kumpanija, is-Sur Mario Grech, fejn huwa informa lir-Reġistratur illi tilef il-kuntatt minn mal-uffiċjali tal-kumpanija u għaldaqstant xtaq jirriżenja, iżda ma setax jagħmel dan għaliex il- Formola F2 trid tkun iffirmata mid-direttur jew segretarju tal-kumpanija;

Illi t-tieni avviż ġie mibgħut permezz ta' ittra oħra lill-kumpanija u lid-direttur fl-istess indirizz, nhar it-12 ta' Mejju 2023;

Illi f'dawn l-ittri il-kumpanija ġiet infurmata illi la darba kienet ilha snin tonqos mill-obbligi tagħha skont l-artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji, f'każ li ma tweġibx l-ewwel ittra fi żmien xahar, u t-tieni ittra fi żmien tliet xhur, ir-Reġistratur kienet se tkompli bil-proċess ta' tħassir tal-isem tal-kumpanija;

Illi fit-tnax ta' Mejju 2023, inħarġet pubblikazzjoni fuq *Times* of *Malta* fejn isem il-kumpanija kien wieħed fost oħrajn illi kien ser jiġi mneħħi minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fi żmien tliet xhur, la darba ma jkunx hemm oġġezzjoni għal dan;

Illi fil-frattemp ir-Reġistratur qatt ma rċeviet l-ebda tip ta' risposta jew dokumenti pendenti mingħand il-kumpanija u għaldaqstant fit-12 t' Awwissu 2023, li jaħbat tliet xhur mill-pubblikazzjoni msemmija hawn fuq, l-esponenti ħarġet avviż fuq *website* miżmuma minnha fejn ġie avżat illi l-isem tal-kumpanija in kwistjoni kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru;

Illi jidher biċ-ċar illi ir-rikorrent qatt ma kellu nteress li jimxi skont il-liġi dwar il-kumpaniji u infatti naqas milli jissottometti dokumenti mandatorji mar-Reġistratur għal numru twal ta' snin minkejja diversi notifiki li kienu jintbagħtu lilu kif ukoll lill-kumpanija. Ir-rikorrent injora wkoll il-multi illi jfakkruh f'tali nuqqasijiet u qatt ma affettwa l-pagamenti tal-multi. Illi l- penali fuq nuqqas ta' reġistrazzjoni ta' prospetti annwali kif ukoll tal-kontijiet annwali jammontaw għal **EUR 4,708.50** (ammont ikkalkulat sad-data tal-preżentata tar-rikors u tali ammont ikun irid jiġi aġġornat sad-data li fihom jiġu sottomessi d-dokumenti pendenti kollha);

Illi di piu', il-pagamenti pendenti fuq reġistrazzjoni ta' prospetti annwali jammontaw għal **EUR 840;**

Illi, wara l-inadempjenzi hawn fuq speċifikati, ir-rikorrent ma jistax jgħid, kif qed jallega fir- rikors odjern, illi l-kumpanija tneħħiet mir-Reġistru mingħajr ebda tort imputabbli lilu. Tajjeb illi jiġi speċifikat illi d-d-deċiżjoni li isem il-kumpanija jiġi mneħħi mir-Reġistru tal-Kumpaniji saret skont il-liġi applikabbli u wara li r-Reġistratur eżerċitat il-poteri tagħha b'mod korrett. llli di piu', kull komunikazzjoni rilevanti ġiet debitament mibgħuta lill-kumpanija, inkluż fl-indirizz tad-Diretturi, skont dak miżmum fir-rekords tal-MBR. Għalhekk, ma jistax jiġi allegat li din it-tneħħija ġiet imposta "mingħajr tort imputabbli lir-rikorrenti" meta l-obbligi statutorji tiegħu bħala direttur ma kinux ġew osservati inkluż l-obbligu li jinforma b'bidliet rilevanti fil-kumpanija jew fl-indirizz residenzjali tiegħu. Jekk il-kumpanija għandha proprjetà mmobbli rregistrata fuqha, fl-aħħar mill-aħħar, hija r-

responsabbiltà tad-direttur li jżomm il-kumpanija f'konformità mal-liġijiet applikabbli biex tiġi evitata t-tħassir tal-isem tagħha minn fuq ir-Reġistru u għalhekk tiġi mħarsa dik il-proprjetà;

Fir-rigward tal-litigazzjoni li r-rikorrenti ssuġġerixxa li kienet "miżmuma mistura" minnu, l-MBR ma għandha l-ebda responsabbiltà jew obbligu li tinforma d-diretturi dwar tali kwistjonijiet, peress li dawn huma kwistjonijiet interni tal-kumpanija u għaldaqstant ma jaqgħux taħt il-poteri u l-operat tal-Malta Business Registry. Hija għalhekk ir-responsabbiltà tad-direttur li jkun informat dwar il-pożizzjoni legali u l-operazzjonijiet kollha tal-kumpanija;

Illi finalment, ir-Reġistratur tissottolinja li l-obbligi kollha ġew osservati skont il-liġi, u li l-isem tal-kumpanija ġie mħassar mir-Reġistru wara nuqqas ta' konformità mal-liġijiet applikabbli.

Illi għalhekk ir-Reġistratur tixtieq illi jekk il-kumpanija terġa titpoġġa fuq ir-Reġistru, tali kumpanija għandha taġġorna d-dokumentazzjoni meħtieġa (inkluż il-prospetti annwali u l-kontijiet annwali) u dan ukoll sabiex jiġi salvagwardjat l-interessi tat-terzi persuni. Ir-Reġistratur qiegħda umilment tissolleva illi qiegħda tħalli f'idejn dina l-Onorabbli Qorti u fil-provi sabiex jiġu magħrufin il-passi illi għandhom jittieħdu min-naħa tagħha sabiex il-pożizzjoni tal- kumpanija in kwistjoni tiġi rattifikata;

Għaldaqstant ir-Reġistratur hija lesta li toqgħod għal kull direzzjoni u provediment illi din l- Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi partikulari ta' dan il-każ.’

Rat ix-xhieda, dokumentazzjoni u provi kollha fl-atti.
Rat li fil-verbal tas-12 ta Frar 2025 il-kawza giet differita llum ghas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat:**

Illi permezz tar-rikors odjern r-rikorrent John Bezzina jsostni li huwa kien Direttur tas-socjetà John Bezzina Catering Company Limited (C 17154). Izid li huwa għamel numru ta' snin jirrisjedi barra mill-pajjiz u kien mingħalih li ħalla persuna li jafda tieħu ħsieb l-inkartamenti tal-kumpanija iżda rrizulta li din ma ħaditx ħsieb ghalkemm hu kien jintalab jibgħat il-flus. Riżultat ta' dan kollu r-Reġistratur intimat wara diversi avviżi għaddha sabiex jikkanċella isem il-kumpanija.

Da parti tiegħu r-Reġistratur intimat jirrispondi li huwa bagħat diversi avviżi kif rikjest mil-ligi stante li ma kinitix qed tiġi ntavolata d-dokumentazzjoni annwali meħtiega mill-Kumpanija w'għalhekk ġie assunt kif issostni l-ligi li l-kumpanija ma kinitx qed topera. Wara d-debiti avviżi r-Reġistratur għaddha sabiex jikkanċella isem il-kumpanija minn fuq ir-reġistru tal-kumpaniji.

Illi effettivament jirriżulta mix-xhieda tal-istess John Bezzina li min suppost kien qed jieħu ħsieb l-affarijiet tal-kumpanija naqas milli jagħmel dan tul is-snin li John Bezzina kien nieqes. Dan ma jfissirx li l-istess Bezzina ma għandu ebda tort stante li jirriżulta wkoll li saħansitra l-Awditur tal-kumpanija informa lir-Reġistratur intimat li kien tilef kull kuntatt mal-klijent.

Illi minn naħa l-oħra jirriżulta mill-atti li l-kumpanija in kwistjoni għad għandha proprjetà f'isimha u li saħansitra hemm kawza pendenti fil-Qrati kontra l-istess kumpanija relatata ma' konvenju fuq proprjetà tal-istess kumpanija.

Il-Qorti rat ukoll li pendenti r-rikors odjern ir-rikorrenti ħa ħsieb li l-inkartament pendenti u wkoll iddikjara li dak dovut lir-Reġistratur intimat ġie regolat.

Illi minn dak kollu suespost il-Qorti tqis li t-talba tar-rikorrent sabiex isem il-kumpanija jerġa' jitpoġġa fir-Reġistru tal-Kumpanija hija ġustifikata, tqis iżda li dak li seħħ huwa kollu riżultat ta' nuqqasijiet da parti tal-kumpanija u r-rikorrent li jirrapreżentaha w'għalhekk ir-Reġistratur intimat ma għandu jbagħti l-ebda spejjeż tal-proceduri odjerni.

**Deċizjoni:**

**Għaldaqstant għar-ragunijiet kollha suesposti l-Qorti tgħaddi sabiex filwaqt li, tiċħad ir-risposta tar-Reġistratur intimat biss safejn hija nkompatibbli ma' dak hawn deċiż u tgħaddi sabiex ai termini tal-Artikolu 325(4) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna illi s-socjetà John Bezzina Catering Company Limited (C 17154) terġa' tidħol u titqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji.**

**Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe dokumentazzjoni u flejjes li jistgħu għadhom dovuti lir-Reġistratur intimat.**

**Fiċ-ċirkustanzi l-ispejjeż kontra r-rikorrent.**

Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri

Jake Mejlak
Deputat Registratur